MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 2221/2003

**Radomatic Limited**
**vs**
**Paul Caruana.**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li kien gie prezentat fl-4 ta Novembru 2003 fejn is-socjeta attrici tablet li tithallas mill-konvenut is-somma ta elf mitejn u tlettax il-lira u tlieta u tmenin centezmu (Lm1213.83) rapprezentanti valur ta spejjes inkorsi mill-istess socjeta in konnessjoni ma xoghol ta elettriku u plumbing mahrug minnha fuq inkariku tal-konvenut u liema hlas baqa ma sarx nonostante li ntbghatu diversi nterpellanzi. Bl-ispejjes inkluzi dawk ta l-ittri legali datati 19 ta Frar 2003 u 30 ta Mejju 2003 rispettivament u tal-konsult ammontanti ghal tlieta u ghoxrin lira (Lm23) u dawk ta ittra ufficcjali datata 3 ta April 2003 u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficcjali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 1 ta April 2004 fejn eccepixxa li ma ghandu jaghti xejn in vista tal-fatt li l-ammont mitlub kien ezagerat u li x-xoghol mahdum ma sarx skond kif tirrikjedi s-sengha u l-arti oltre li huwa qabbad terzi sabiex ilestu x-xoghol li suppost kellu jsir mill-atturi;

Ra x-xhieda moghtija minn Carmelo Calleja, rapprezentant tas-socjeta attrici u d-dokumenti minnu esebiti markati Dok CC1 (Stima) u Dok CC2 (kont finali) u x-xhieda moghtija minn Godwin Micallef rapprezentant tas-socjeta AMF Contractors Limited li kienet is-socjeta li effettivament hadmet fil-fond tal-konvenut.

Gie notat li l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza in difett ta ostakolu fis-seduta ta nhar l-10 ta Novembru 2004.

Gie notat ukoll li fis-seduta ta t-2 ta Frar u dik ta s-6 ta Ottubru 2005 il-konvenut u l-avukat difensur tieghu naqqsu li jidhru u anqas ma saret xi talba ghal tul ta kwazi sena sabiex il-prolazzjoni tas-sentenza tigi sospiza halli l-konvenut ikun jista jissostanzja l-kontestazzjoni tieghu;

Illi ghalhekk mhux talli l-konvenut naqas li jressaq il-provi tieghu izda anke jirrizulta mill-process li l-provi migjuba mis-socjeta attrici baqghu ma gew kontradetti bla ebda anqas tramite kontro-ezami.

Ghal dawn il-mottivi It-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-istess konvenut, jilqa t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta attrici s-somma mitluba ta elf mitejn u tlettax il-lira u tlieta u tmenin centezmu (Lm1213.83) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-1 ta April 2004 u bl-ispejjes tal-odjerna procedura biss kontra konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------